ħdejna, għolla idu l-leminija għerja u muswafa ma' wiċċu, b'tislima baxxa kemmxejn rasu mgħobbija b'luppata xagħar maħmuġ u mgħqud, imlewwen bi dbabar ta' xagħar iswed fuq il-quċċata ta rasu, abjad fuq widnejh u xaqran in-naħa tal-qurriegħa; u fl-aħħar telaq. Qabad pass ħafif u telqilha għal ġewwa l-Belt. Dieb ġol-mina u ntilef qalb il-folla.

Harist madwari. Stennejtni nsibna mdawrin b'qabda wċuħ libsin daħki ta' tmasħir. Stagħġibt, kulħadd kien sejjer għal xogħlu. Hadd ma edha bina. Hassejtni mistrieħ bħallikieku neħħejt għoqla minn fuq l-istonku tiegħi.

Ma ridtx nibqa' hemm. Rikibni bħal reqqet ir-ruħ u kelli seba' mitt sena nwarrab minn fejn konna weqfin. Ma nafx sew fejn ridt immur. Li naf sew kien li ridt inwarrab minn hemm bla dewmien ta' xejn. Ridt intajjar u nneħħi għal kollox il-fakra ta' dak li ġara. Fuq ix-xwiek, sellimt bil-ħeffa lix-xwejjaħ li kont naħdet miegħu u nfridna.

Ma stajtx nagħmel aħjar milli għamilt, kemm għalija u kemm għal Ġannina.

Lil Ġannina stennejtu jerġa' jitfaċċa jiġri lura bil-karta f'idu jfittixni, u b'idejh f'wiċċi jitlobni ngħidlu għaliex dħakt bih.

Kif ħelisha ma nafx. Lanqas naf jekk ħallewhx bi kwietu hu u għaddej mit-triq, jew jekk irnexxilux tabilħaqq jasal il-Palazz. Iżda nista' nobsor x'seta' ġralu jekk iltaqa' ma' min ftit li xejn għandu żmien u ħsieb x'jitlef għal min hu bħal Ġannina.

Hekk qed igħaddiha u jkollu jgħaddiha ħajtu Ġannina, ilsir ta' għajru.

---

## IR-RATI TA' ĦLAS GĦAT-TRASMISSJONIJIET TA' XOGĦLIJIET LETTERARJI MINN FUQ IR-REDIFFUSION

Bħalma kulħadd jaf il-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" kienet ħadet inizjativa biex isir ftehim mal-Kumpannija tar-Rediffusion fuq il-ħlas li jmiss lill-Awturi għal xogħlijiet letterarji mxandrin fuq ir-Rediffusion. Wara ħafna laqgħat u korrispondenza sar ftehim li jaqbel lil kull min kien interessat f'dil-ħaġa.

Aħna l-lum sejrin nippubblikaw estratt tar-rati ta' ħlas iffissati skond il-ftehim li sar bi skrittura privata għat-trasmissjonijiet ta' xogħlijiet letterarji għall-informazzjoni tal-membri tal-"Għaqda".



L-inqas rati ta' ħlas :—

**Novelli u xogħlijiet oħra letterarji** — 5 minuti — 10s ; minn 5 sa 10 minuti — 20s ; kull 5 minuti oħra sa l-eqreb 5 minuti—5s.

**Diskorsi** — 15-il minuta — 25s.

**Poeżija** — ta' 24 vers (dattilografata) — 10s ; minn 25 sa 60 vers — 20s ; 'il fuq minn 60 vers — 30s.

**Rumanzi u Bijografiji** — l-ewwel 10 episodji ta' 30 minuta kull wieħed — 40s. kull episodju ; episodji ta' wara l-ewwel 10 — 30s. kull episodju.

**Ripetizzjonijiet ta' Romanzi u Bijografiji** — l-ewwel episodju ta' 30 minuta — 40s kull episodju ; episodji ta' wara l-ewwel wieħed — 30s. kull episodju.

**Radjodrammi** — 15-il minuta — 60s ; 30 minuta — 80s ; 45 minuta — 100s ; 60 minuta — 160s ; 75 minuta — 180s ; 90 minuta — 200s.

---

## GĦALHEKK INĦOBBOK

*Ta'* V. M. PELLEGRINI

Inħobbok tfajla mhux għax sbejħa
u twajba,
mhux għax f'għajnejk ileqq
id-dawl tal-ġenna,
inqas għax għandek f'idek
ħlewwa safja
li tmellisli ħaddejja
jew għax b'xufftejk tgħaxxaqni
waqt bewsa bellusija.

Inħobbok għax fi kliemek
hemm il-għaqal,
għax f'moħħok l-għerf tal-ħajja,
għax f'qalbek tidwi l-milja
tal-għerf kburi
li ġie mill-bniedem
f'kotba sbieħ imsawwar,
u int għaraft tisirqu bl-ikbar ħrara.